MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2013

Citazzjoni Numru. 1253/2009

**Future Focus Limited (C27454)**

***kontra***

**Direttur Generali Dipartiment tal-Kuntratti, u l-Kullegg Malti ta` l-Arti, Xjenza u Teknologija**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat prezentat fit-22 ta` Dicembru 2009 li jaqra –

*1. Illi fit-12 ta` Mejju 2009 id-Dipartiment tal-Kuntratti hareg sejha ghall-offerti konsistenti fi Provision of ICT Training Programmes on behalf of MCAST Numru tat-Tender CT2392/2008 ;*

*2. Illi l-kumpannija rikorrenti ssottomettiet offerta ghal din is-sejha li kien hareg id-Dipartiment tal-Kuntratti ghan-nom tal-Malta College of Arts, Science and Technology, liema sottomissjoni kellha tipprovdi korsijiet ta` tahrig fuq informazzjoni teknologika ghal perjodu ta` tliet snin minn go bini taghhom jew fil-pussess taghhom, minn liema sejha ghall-offerti l-kumpannija rikorrenti kienet giet skwalifikata minhabba allegat non konformita` mal-kundizzjoni ta` accessibilita` fil-postijiet li hi kienet intenzjonata li tuza ghat-tahrig, fis-sottomissjoni taghha ;*

*3. Illi l-esponenti kienet wahda minn erbgha offerenti li xehtet l-offerta taghha ghal din is-sejha li harget ;*

*4. Illi din is-sejha kienet tispecifika li l-offerti kellhom jigu sottomessi abbazi ta` three package system, cioe` li l-offerta tkun tikkonsisti fi tliet affarijiet li jridu jitpoggew go envelopes separati, l-ewwel wahda tikkonsisti f`bid bond, it-tieni envelope ghandha tikkontjeni l-parti teknika u t-tielet envelope l-parti finanzjarja u dan skond taghrif fl-avviz pubblikat mid-Dipartimenti tal-Kuntratti ;*

*5. Illi fil-kundizzjonijiet ta` l-offerta kien hemm stipulat is-segwenti dwar accessibilita` : "The indicated premises must be duly licensed by MEPA for the purposes of tuition and satisfy the standards requested by MCAST including general environment and accessibility for persons with disabilities."*

*6. Illi sussegwentement fil-15 ta` Mejju 2009 id-Dipartiment tal-Kuntratti hareg kjarifika dwar dan l-istess punt fejn intqal :*

*"Bidders must ensure that steps are taken to prevent any discrimination based on sex, racial or ethnic origin, religion or belief, disability, age or sexual orientation. In particular buildings have to be accessible to all including wheelchair users.*

*During the technical adjudication process, the adjudication board shall request the Kummissjoni Persuni b`Dizabilita` (KNPD) to audit and certify or otherwise that the buildings where the service is to provided is accessible. Bidders whose buildings fail KNPD certification shall be disqualified."*

*7. Illi r-rikorrenti <u>applikat ghal din is-sejha ghall-offerti u ssottomettiet l-offerta taghha abbazi tal-ispecifikazzjonijiet hawn fuq imsemmija li kien hareg id-Dipartiment tal-Kuntratti stess</u>, ghaddiet mill-ewwel stadju tal-ftuh ta` l-ewwel envelope u fit-tieni stadju, it-tieni envelope ghaddiet minn kollox ghajr il-kwistjoni ta` accessibilita` u giet skwalifikata skond ittra / fax li giet mibghuta lilhom datata 4 ta` Settembru 2009, abbazi tal-fatt li "All three buildings in your offer did not conform to Access for All Design Guidelines" ;*

*8. Illi r-rikorrenti kienet hassitha aggravata b`din id-decizjoni u ssottomettiet appell quddiem il-Bord tal-Appelli u dan primarjament abbazi tal-fatt li **l-ispecifikazzjonijiet tas-sejha ghall-offerti kienu jistipulaw accessibilita` u hi aderixxiet ruhha maghhom, li ntuza l-kejl zbaljat sabiex tigi determinata l-kwistjoni ta` accessibilita`, li sar rapport minghajr ma gew spezzjonati l-proprjetajiet sottomessi kollha u li ntuza kejl differenti sabiex giet determinata l-accessibilita` tas-sottomissjonijiet koncernati** ;*

*9. Illi dawn il-punti kollha u ohrajn gew diskussi quddiem il-Bord tal-Appelli fejn hareg car li l-Bord ma kienx kuntent bil-kejl adoperat mill-kumitat aggudikattiv li abdika d-decizjoni tieghu lil persuna wahda li ma ha l-ebda inkariku mill-enti ufficcjali, li ma ha l-ebda gurament li qed jaqdi l-inkarigu moghti lilu fedelment u giet nominata mill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b`Dizabilita` li ma kinitx parti mis-sejha ghall-offerti, liema persuna ttella` jixhed u ddikjara li ghalih il-mansjoni tieghu meta spezzjona uhud mill-proprjetajiet u rrapporta fuqhom u ohrajn (abbazi ta` l-argument li jsostni li kien jaf il-binjiet) kien li jara jekk jikkonformawx mal-linji gwida li harget l-istess KNPD u li hu kien wiehed mill-persuni li kitibhom ;*

*10. Illi deher car li l-kwistjoni kollha kienet tirrivolvi dwar x`wiehed jifhem b`accessibilita` u li r-rikorrenti sostnew li dik li kellha tigi determinata kienet l-accessibilita` tal-bini u mhux accessibilita` skond il-linji gwida tal-KNPD ;*

*11. Illi waqt ix-xhieda hareg car ukoll li l-kejl adoperat sabiex jigi determinat jekk offerent kienx accessibli jew le kien differenti ghal kull sottomissjoni. Irrizulta li dwar l-offerent Computer Domain, hu ma kienx konformi, lanqas biss saret spezzjoni fil-postijiet sottomessi minnha ghat-taghlim propost. Allegatament gja kellu in vigore ftehim ta` xogholijiet necessarji sabiex jigi konformi u li riedu jigu mwettqa minnu fi zmien maqbul mal-KNPD.* ***Teknikament allura bl-istess kejl dan l-offerent m`huwiex accessibbli****, biss minhabba l-ftehim li kellu mal-KNPD dawn qabdu u ddeciedew li jissejjah "accessibbli". It-tieni offerent f`dan l-istadju, Saint Martin`s Institute, lahaq ftehim fuq xogholijiet li kellu jaghmel sabiex jigi accessibbli skond il-linji gwida tal-KNPD waqt is-smigh tal-Bord tal-Appelli u minkejja li* ***hu wkoll ma kienx teknikament accessibli f`dak il-mument*** *li ssottometa l-offerta tieghu, skond il-linji gwida tal-KNPD, u l-Bord tal-Appell ddikjarah accessibbli fis-sentenza tieghu, peress li dan kien appella mill-ewwel*

*decizjoni huwa wkoll. <u>Il-kumpannija rikorrenti hija fil-fatt l-unika kumpannija li ghandha certifikat ta` accessibilita` fuq wiehed mill-postijiet li ssottomettiet bhala skejjel u hi l-unika sottomissjoni li ma gietx accettata</u>.*

*12. Illi waqt ix-xhieda quddiem il-Bord tal-Appell hareg il-hsieb imressaq mill-KNPD stess meta qamu biex jitkellmu quddiem il-Bord tal-Appell li kien hemm Test of Reasonableness Board (TORB) taghhom stess u li seta` jerga` jara l-konkluzjonijiet tal-istess perit u jara l-accessibilita` jew meno u l-Bord tal-Appelli kkkonkluda billi ordna lill-TORB janalizza l-konkluzjonijiet tal-perit li rredigja l-ewwel rapport ;*

*13. Fil-fatt il-Bord tal-Appelli fil-konkluzjonijiet tat-28 ta` Settembru 2009 meta rrakkomanda li l-kwistjoni terga` tigi analizzata mit-TORB qal : "The PCAB feels that as regards the objection made by Future Focus Limited there still exists the likelihood that the assessment has not been adequately conducted. The PCAB is not convinced that the rigid stand taken by Architect Spiteri reflects the reasonable stand adopted by the KNPD`s Reasonableness Board especially when one considers that the appellant company Future Focus Limited has still not been examined by the Reasonableness Board" ;*

*14. Illi rrizulta li t-TORB mhuwiex Bord indipendenti izda mahluq mill-KNPD stess u kompost mill-membri tal-KNPD stess u s-socjeta` rikorrenti mill-ewwel baghtet ittra lil Bord tal-Appelli fuq dan il-punt u ddikjarat li kienet ser tattendi minghajr pregudizzju ghad-drittijiet taghha ;*

*15. <u>Illi f`dan il-Bord, haga ta` l-ghageb, rega` tfacca l-istess perit li kien gie nnominat mill-KNPD biex jirredigi l-ewwel rapport</u>, kien prezenti mal-Bord kemm qabel ma dahlet tipprezenta l-kaz taghha s-socjeta` rikorrenti, kif ukoll waqt is-seduta kollha u gie ddikjarat li*

*huwa l-konsulent tat-TORB, minkejja li tkellem kemm-il darba waqt l-istess seduta, naturalment b`influwenza fuq il-membri tal-Bord stess ;*

*16. Illi gie dikjarat li dan il-Bord jimxi hu wkoll fuq il-Linji Gwida tal-KNPD u bazikament ghalhekk huwa sottomess li kien zmien mohli u inutli li tmur quddiemu ghaliex il-konkluzjonijiet ftit setghu jkunu differenti mir-rapport tal-perit taghhom stess sedenti f`dik l-istess seduta u bord ;*

*17. Illi waqt it-TORB is-socjeta` rikorrenti pprezentat rapport tekniku redatt mill-Perit Hector Zammit datat 30 ta` Settembru 2009 li kien juri li l-postijiet offerti kienu fil-fatt accessibli ghal kulhadd u li kien hemm biss diskrepanzi minimi mal-linji gwida tal-KNPD ;*

*18. Illi minkejja dan il-KNPD iddecieda fil-5 ta` Ottubru 2009 mhux il-kwistjoni jekk il-bini kienx accessibli izda jekk kienx accessibli skond il-linji gwida taghhom, li incidentalment m`humiex ligi. Di piu` jghidu, kontra kull logika legali li jekk jintlahaq arrangament maghhom sabiex isiru x-xogholijiet skond il-qisien li kitbu huma stess fil-linji gwida, jigu dikjarati accessibli* !! :

*"If Future Focus Ltd. can arrive at an agreement on the same level, that is agree to the signing of an Equal Opportunities Agreement with KNPD which would include the submission of detailed technical drawings indicating clearly how they intend to conform to Access for All guidelines, then the matter will no longer remain one of reasonableness but one of time frames."*

*19. Dan huwa indikattiv tal-iskop tal-Bord li quddiemu ntbaghtet il-kumpannija rikorrenti li juri bic-car li dan la huwa fl-ispecifikazzjonijiet tat-tender u lanqas ma kien l-ispirtu tal-Bord tal-Appell ;*

*20. Illi dan il-Bord baghat il-konkluzjonijiet tieghu lill-Bord tal-Appelli fejn apparti dak li gja inghad, taw hasla lis-socjeta` rikorrenti ghaliex ma marrux ghand il-Kummissjoni qabel, proprju kif ghamel offerent iehor ;*

*21. Illi s-socjeta` appellanti minnufih kitbet lill-Bord tal-Appelli fis-6 ta` Ottubru 2009 u talbiet li tissejjah seduta sabiex wiehed jiddiskuti l-konkluzjonijiet tat-TORB u jekk dawn wettqux il-mansjonijiet lilhom affidati, biss il-Bord tal-Appelli rrisponda (ittra bla data) tramite s-segretarju tal-Bord fejn wara li ccita partijiet mill-ewwel decizjoni taghha kkonkluda s-segwenti "I am also instructed to inform you that this Board believes that the above content is self explanatory and as a consequence it has nothing further to add to its decision."*

*22. Illi in vista ta` din id-dikjarazzjoni hadd ma jaf fejn jinsab. Is-socjeta` appellanti talbet kjarifici li ma nghatatx u di piu` bqajna mixjin fuq interpretazzjonijiet u mhux specifikazzjonijiet fit-tender ;*

*23. **Illi l-ispecifikazzjonijiet ma kinux qalu li wiehed irid jimxi mal-linji gwida tal-KNPD, ghaliex kieku kien il-kaz, kif tajjeb irrimarka l-istess Bord tal-Appell waqt is-smigh tieghu mizmum fit-18 ta` Settembru 2009, ma kienx hemm htiega ta` perit ghaliex kien ikun ridott biss ghal semplici kejl** ;*

*24. Illi di piu` ingabet ghall-konjizzjoni tal-Bord tal-Appell li r-rapport tal-Perit Spiteri kien joggezzjona ghal dhul mhux minn bieb principali ta` wiehed mill-binjiet (ghaliex il-linji gwidi hekk ghadhom jghidu) meta fuq dan il-punt specifiku hemm ukoll <u>sentenza tal-Qorti tal-Appell fejn ma accettatx din il-pozizzjoni</u> (Michele Peresso Limited kontra KNPD 413/2001 datata 28.09.2007) ;*

*25. Illi wara li ma sehh xejn u d-Dipartiment tal-Kuntratti baqa` miexi bl-aggudikazzjoni tieghu fuq l-assunzjoni li t-TORB saret il-Bord tal-Appell taghha u li dawn kienu ddikjaraw lir-rikorrenti non konformi mal-ispecifikazzjonijiet taghha, minkejja li l-Bord tal-Appell dan ma qalu qatt, is-socjeta` rikorrenti ppruvat tohrog mandat ta` inibizzjoni liema rikors gie michud abbazi tal-kunsiderazzjoni fil-ligi ta` min kien ser isofri l-akbar pregudizzju, li l-Qorti ddecidiet li kienu l-istudenti li ser ibatu l-aktar jekk it-talba tigi milqugha.* ***Izda c-cahda ma saritx qabel ma l-Onorabbli Qorti Civili kkumentat li kellha certi riservi ta` kif tmexxiet l-aggudikazzjoni*** *;*

*26. Illi l-eliminazzjoni tas-socjeta` rikorrenti mill-process ta` aggudikazzjoni kien wiehed zbaljat, abbuziv u kontra l-ligi ;*

*27. Illi rizultat ta` l-eskluzjoni tas-socjeta` rikorrenti mill-process ta` aggudikazzjoni l-istess sofriet danni kemm diretti kif ukoll indiretti, konsistenti kemm fi spejjez u depoziti nkorsi, kif ukoll telf ta` qligh li kienet taghmel kieku ma gietx eliminata peress li x-xoghol in kwistjoni kien garantit ghall-offerenti kollha, xoghol li hija stess ghamlet ghall-MCAST ghall-ahhar sentejn ;*

*28. Illi d-Dipartiment gie nterpellat sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni tad-danni permezz ta` protest gudizzjarju ntavolat fil-11 ta` Novembru 2009 u notifikat lill-partijiet fis-16 ta` Novembru 2009 biss baqa` inadempjenti sal-lum ;*

*29. Illi ghalhekk kellha ssir din l-interpellazzjoni ;*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitolbu li din l-Onorabbli Qorti joghgobha :*

*1. Tiddikjara li l-eliminazzjoni u l-eskluzjoni tas-socjeta` rikorrenti mill-process ta` aggudikazzjoni kemm mill-evaluation committee kif ukoll mill-Bord tal-Appell Kuntratti Pubblici, ma saritx skond it-termini u l-ispecifikazzjonijiet tas-sejha ghall-offerti u konsegwentement mhux ghal raguni valida skond il-Ligi u kontra dak li jitolbu l-procurement and financial regulations ;*

*2. Konsegwentement tiddikjara li kawza ta` dan l-agir l-intimati jew min minnhom ikkawza danni lir-rikorrenti u tiddikjarahom responsabbli ghad-danni li sofriet is-socjeta` rikorrenti meta giet eskluza mill-process ta` aggudikazzjoni ;*

*3. Tillikwida d-danni kkawzati mill-intimati jew min minnhom lis-socjeta` rikorrenti okkorrendo bin-nomina ta` periti teknici nominati ghal dan il-fini skond ma jidhrilha opportun.*

*4. Tikkundanna per konsegwenza lill-intimati jew min minnhom ihallsu d-danni kawzati hekk likwidati lis-socjeta` rikorrenti fi zmien qasir u perentorju.*

*Bl-imghax legali u bl-ispejjez kontra l-intimati li huma minn issa ngunti in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-kumpannija attrici u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur Generali Dipartiment tal-Kuntratti prezentata fis-27 ta` Jannar 2010 li taqra hekk –

*1. Illi in kwantu din l-azzjoni qieghda tittanta twaqqa` decizjoni moghtija mill-Bord ta` l-Appell dwar il-Kuntratti Pubblici l-azzjoni odjerna hija fuori termine a tenur tar-Regolament 84(19) tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubblici u ghalhekk l-esponent ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.*

*Illi dan qed jinghad in vista tal-fatt li d-decizjoni inghatat mill-Bord ta` l-Appell dwar il-Kuntratti Pubblici fit-28 ta` Settembru 2009 u wara li l-kaz mar quddiem il-Board of Reasonableness is-Segretarju tal-Bord ta` l-Appelli dwar il-Kuntratti Pubblici kkomunika lis-socjeta` rikorrenti d-decizjoni finali tal-Bord. Din il-komunikazzjoni hija datata ... 5 ta` Ottubru 2009. Il-kawza odjerna giet prezentata fit-22 ta` Dicembru 2009 u cioe` kwazi tliet xhur wara li nghatat id-decizjoni u kwindi ben oltre l-ghaxart ijiem stipulati mil-ligi ;*

*2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk l-istess ghandhom jigu michuda u dan ghas-segwenti ragunijiet li ser jigu elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin :*

*i) Fl-ewwel lok, il-fatti saljenti li huma relevanti ghall-finijiet tarrikors odjern huma s-segwenti:*

*a) Harget sejha ghall-offerti li ggib in-numru CT2392/2008 ghal provision of ICT Training Programmes ghall-MCAST ;*

*b) Is-sistema li ntuzat ghal din is-sejha ghall-offerti hija dik tat-tlett pakketti a tenur tal-Parti XII tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubblici ;*

*c) Is-socjeta` Future Focus Limited kienet wahda mill-offerenti li giet skwalifikata fit-tieni fazi tal-process peress li t-tlett binjiet fl-offerta taghha ma kinux konformi ma` l-Access for All Design Guidelines ;*

*d) Fil-kundizzjonijiet tal-offerta kien hemm stipulat u ndikat b`mod car li :*

*"The indicated premises must be duly licensed by MEPA for the purposes of tuition and satisfy the standards requested by MCAST including general environment and accessibility for persons with disabilities."*

*Sabiex jigu evitati problemi u biex kull bidder ikun trattat bl-istess mod u jkun jaf x`inhuma l-parametri ta` l-evalwazzjoni teknika, id-Dipartiment tal-Kuntratti hareg kjarifika dwar dan il-punt fejn intqal :*

*"Bidders must ensure that steps are taken to prevent any discrimination based on sex, racial or ethnic origin, religion or belief, diability, age or sexual orientation. In particular buildings have to be accessible to all including wheel chair users.*

*During the technical adjudication process, the adjudication board shall request the Kummissjoni Persuni b`Dizabilita` (KNPD) to audit and certify or otherwise that the buildings where the service is to be provided is accessible. Bidders whose buildings fail KNPD certification shall be disqualified";*

*e) Din il-kjarifika inghatat qabel ma ghalaq it-terminu sabiex l-offerenti jixhtu l-offerta taghhom. Ma jirrizultax li a tempo vergine s-socjeta` rikorrenti lmentat dwar din il-kjarifika jew li kkontestat din il-kjarifika billi marret quddiem il-Qorti ta` l-Appell a tenur ta` l-artikolu 6(1) tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubblici ;*

*f) Ghaldaqstant dan kien rekwizit mandatorju sabiex offerent jikkwalifika ghall-istadju successiv ;*

*g) Is-socjeta` rikorrenti hassitha aggravata bid-decizjoni li permezz taghha l-offerta taghha giet skwalifikata u nterponiet appell quddiem il-Bord ta` l-Appelli dwar il-Kuntratti Pubblici ;*

*h) Illi kuntrarjament ghal dak sostnut mis-socjeta` rikorrenti, il-Bord ta` l-Appelli dwar il-Kuntratti Pubblici m`abdikax id-decizjoni tieghu lil persuna wahda li giet nominata mill-KNPD. Il-Bord ta` l-Appelli dwar il-Kuntratti Pubblici wara li sema` lill-partijiet kollha ra li din, aktar minn kollox, kienet kwistjoni pjuttost teknika. Il-vertenza kienet titratta dwar jekk il-binjiet tas-socjeta` rikorrenti (kif ukoll ta` socjeta` ohra li m`hijiex parti fil-proceduri odjerni) humiex accessibbli jew le gahl persuni b`diazbilita`. Skond il-kjarifika li hareg l-esponent dan kellu jigu ccertifikat mill-KNPD. Fin-nuqqas ta` tali certifikazzjoni l-offerta riedet tigi skwalifikata.*

*Il-Bord ta` l-Appelli dwar il-Kuntratti Pubblici, minflok iddikjara li l-offerta tas-socjeta` rikorrenti ma kinitx konformi mar-rekwiziti mitluba baghat lis-socjeta` rikorrenti quddiem It-Test of Reasonableness Board ghaliex l-istess socjeta` ma kinitx ghadha marret quddiemu;*

*i) It-Test of Reasonableness Board ma tax ragun lis-socjeta` rikorrenti*

*j) Jinghad hawnhekk li ladarba l-linji gwida li ghandhom jigu osservati ilhom fid-dominju pubbliku, is-socjeta` rikorrenti li kienet qieghda taghmel offerta sabiex taghti servizz lill-parti mis-socjeta` taghna setghet tinforma ruhha u tiehu l-passi kollha necessarji sabiex tkun in osservanza ta` l-istess linji gwida, kif ghamlu kumpanniji ohra ;*

*k) Il-Bord ta` l-Appelli dwar il-Kuntratti Pubblici cahad l-appell tas-socjeta` rikorrenti ;*

*l) Is-socjeta` rikorrenti ma wzatx ir-rimedju disponibbli ghaliha skond il-ligi a tenur tar-Regolament 84(19) ladarba hassitha aggravata mid-decizjoni tal-Bord ta` l-Appelli dwar il-Kuntratti Pubblici u cioe` li tmur quddiem il-Prim`Awla tal-Qorti Civili fi zmien ghaxart ijiem mid-decizjoni tal-istess Bord ;*

*m) Fit-12 ta` Ottubru 2009 is-socjeta` rikorrenti pprezentat rikors ghal talba ghal hrug ghall-mandat ta`*

*inibizzjoni kontra l-esponent u l-MCAST sabiex jitwaqqaf il-process ghall-ghoti tal-kuntratt, liema talba giet michuda.*

*ii) Fit-tieni lok, id-decizjoni tal-Bord ta` l-Appelli dwar il-Kuntratti Pubblici hija finali u torbot sia lid-Direttur tal-Kuntratti u sia lill-Awtorita` Kontraenti u dan a tenur tar-Regolament 84(14) tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubblici u di piu` r-Regolament 84(17) jistipula li d-decizjonijiet kollha tal-Bord ghandhom jittiehdu b`rakkomandazzjonijiet definittivi li jkunu vinkolanti fuq id-Direttur tal-Kuntratti jew il-Kap ta` l-Awtorita` Kontraenti u l-offerenti kollha nvoluti ;*

*iii) Fit-tielet lok, il-process kollu li wassal ghall-ghoti tal-kuntratt sar skond il-ligi u in ottemperanza mar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubblici u ghalhekk l-esponent jichad kwalunkwe allegazzjoni mressqa kontrih f`dan ir-rigward ;*

*iv) Fir-raba` lok, in vista tas-suespost u stante li l-procedura tas-sejha ghall-offerti in kwistjoni kienet in ottemperanza ma` dak li jipprovdu r-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubblici s-socjeta` rikorrenti ma sofriet l-ebda danni u ghaldaqstant ebda danni m`huma dovuti lill-istess socjeta` rikorrenti ;*

*v) Fil-hames lok u minghajr pregudizzju, l-esponent jichad bil-qawwa kollha li xi agir tieghu kkawza xi danni lis-socjeta` rikorrenti kemm ghaliex l-eskluzjoni taghha mill-process ta` aggudikazzjoni kien skond il-ligi, kif ukoll ghaliex l-esponent, skond kif jipprovdu r-Regolamenti in kwistjoni, kellu jimxi skond ir-rakkomandazzjoni tal-Bord ta` l-Appelli dwar il-Kuntratti Pubblici ;*

*vi) Fis-sitt lok, id-danni li s-socjeta` rikorrenti jidher li qed tippretendi danni li huma spekulattivi u li zgur ma jistghux jigu kwantifikati stante li dan kien kuntratt ta` tlett snin u hadd ma jista` jindika b`mod assolut in-numru ta` studenti li se jattendu s-sena d-diehla u ta` wara.*

*3) Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kontra s-socjeta` rikorrenti.*

*In kwantu ghall-fatti dikjarati, l-esponent jiddikjara li huwa jaf bihom personalment.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenut Direttur Generali Dipartiment tal-Kuntratti.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Kullegg Malti ta` l-Arti, Xjenza u Teknologija prezentata fis-<u>27 ta` Jannar 2010</u> li taqra hekk –

*Illi preliminarjament fil-konfront tal-esponenti r-rikors ghandu jigi michud bl-ispejjez stante illi m`humiex legittimi kontraditturi, kif johrog mir-rikors stess fejn kemm il-premessi kif ukoll it-talbiet jindikaw illi dak kollu li sehh kien taht il-kontroll jew mod iehor dirett mill-Kumitat tal-Kuntratti u kien il-Bord tal-Appelli fi hdan l-istruttura ta` kumitati pubblici li ddetermina dak li sehh fil-konfront tar-rikorrenti : dan il-Bord ma jaghmilx parti mill-istruttura tal-esponenti u bl-ebda mod ma hu dirett jew influwenzat mill-esponenti. Ghal dak li jirrigwarda l-evaluation board dan kellu biss rwol advisory u d-decizjonijiet materjali ttiehdu kif gia` ntqal minn korp ghal kollox separat u distint mill-esponenti.*

*Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikors ghandu jigi michud stante illi dak li sehh kien ghal kollox skond il-ligi u prassi ragjonevoli tenut kont tal-bzonnijiet ta` kull min hu kkoncernat.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenut tal-konvenut Kullegg Malti ta` l-Arti, Xjenza u Teknologija.

Rat ix-xiehda bl-affidavit ta` John Galea (bid-dokumenti li kienu annessi), tal-Perit Edgar Caruana Montaldo, ta` George Attard, tal-Perit Hector Zammit (bid-dokument li kien anness) u ta` Rosanne Galea (bid-dokumenti li kienu annessi).

Semghet ix-xiehda ta` Francis Attard [Direttur Generali (Kuntratti)], ta` Joseph Camilleri u tal-Perit Joseph Spiteri fl-udjenza tat-30 ta` Settembru 2010 u rat dokument li kien esebit minn dan l-ahhar xhud.

Rat in-nota b`dokumenti a fol 178 et seq.

Semghet ix-xiehda tal-Prof Maurice Grech fl-udjenzi tas-17 ta` Jannar 2011 u tal-11 ta` April 2011 (u rat id-dokumenti li kienu esebiti fl-udjenza tal-ahhar).

Semghet ix-xiehda ta` Charlotte Attard fl-udjenza tal-11 ta` April 2011 u rat id-dokumenti li pprezentat ix-xhud.

Rat in-nota b`affidavit u dokumenti li kienu prezentati mill-kumpannija attrici fid-9 ta` Gunju 2011.

Rat ix-xiehda bl-affidavit tad-Direttur Generali tal-Kuntratti fis-17 ta` Ottubru 2011 u rat id-dokumenti li kienu annessi.

Rat illi l-istadju tal-gbir tal-provi tal-partijiet kien dikjarat maghluq fl-udjenzatas-17 ta` Jannar 2012 (fol 517 u fol 518).

Rat in-nota ta` sottomissjonijiet tal-partijiet (inkluzi r-replika tal-kumpannija attrici u l-kontroreplika tad-Direttur Generali Dipartiment tal-Kuntratti).

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tal-24 ta` Mejju 2012 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza *in difett ta` ostakolu.*

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li ma hemmx ostakolu sabiex is-sentenza tinghata fl-udjenza tal-lum.

**Ikkunsidrat :**

**II. <u>Provi</u>**

Id-diretturi tal-kumpannija attrici **<u>John Galea</u>** u **<u>Rosanne Galea</u>** pprezentaw zewg affidavits separati, ghalkemm simili fil-kontenut. Qalu li fl-2008 il-kumpannija attrici [minn issa `l quddiem tissejjah “Future Focus”] kienet rebhet sejha ghall-offerti ghall-provvista ta` servizzi konsistenti f`korsijiet ta` tahrig fl-*ICT.* Kellha r-responsabilita` tat-taghlim ta` 90 student fuq perijodu ta` sentejn. Fl-2009, l-MCAST tramite d-Dipartiment tal-Kuntratti hareg sejha ghall-offerti imsejha *Provision of ICT Training Programmes on behalf of MCAST* (Tender CT 2392/2008). Kienet *a three package based tender*, u cioe` *bid bond,* parti teknika u l-offerta finanzjarja. John Galea ha hsieb ta` inkartament ta` din is-sejha. Kienu erbgha li xehtu l-offerta. Il-kundizzjoni dwar accessibilita` kienet definita bis-segwenti mod : *The indicated premises must be duly licensed by MEPA for the purposes of tuition and satisfy the standards requested by MCAST including general environment and accessibility for persons with disabilities.* In segwitu harget kjarifika tal-klawsola fis-sens

illi : *Bidders must ensure that steps are taken to prevent any discrimination based on sex, racial or ethnic origin, religion or belief, disability, age or sexual orientation. In particular buildings have to be accessible to all including wheel chair users ... During the technical adjudication process, the adjudication board shall request the Kummissjoni Persuni b` Dizabilita` (KNPD) to audit and certify or otherwise that the buildings where the service is to be provided is accessible. Bidders whose buildings fail KNPD certification shall be disqualified.*

Rosanne Galea spjegat li Future Focus studjat il-kundizzjonijiet tal-offerti inkluz dik dwar l-accessibilita` u fittxet proprjetajiet proprju abbazi tal-ispecifikazzjonijiet li kien hareg id-Dipartiment tal-Kuntratti. Kemm John Galea kif ukoll Rosanne Galea xehdu li meta xehtet l-offerta, Future Focus kienet ghaddiet mill-stadju tal-ftuh ta` l-ewwel stadju imma fit-tieni stadju, ossija t-tieni envelope wehlet minhabba d-definizzjoni tal-kliem *access* : `*All three buildings in your offer did not conform to Access for All Design Guidelines*`*.* Il-kumpannija ma qablitx mal-interpretazzjoni li kienet qeghda tinghata mid-Dipartiment tal-Kuntratti ghaliex kienet tal-fehma hija kienet aderiet mal-kundizzjonijiet tat-tender u imkien ma kien stipulat li dawn kienu jinkludu l-*Access for all Guidelines* tal-KNPD. Ghalhekk sar appell quddiem il-Bord tal-Appelli tad-Dipartiment tal-Kuntratti. Skond Galea, il-Bord ma kienx qabel mal-mod kif kien aggudikat it-tender.

John Galea xehed illi waqt is-smigh tal-appell, kien innotat li d-decizjoni kellha tkun tal-kumitat mahtur mill-MCAST u mhux ta` persuna mahtura minn istituzzjoni delegata mill-kumitat aggudikattiv. Din il-persuna spezzjonat uhud mill-proprjetajiet u rraporta dwarhom, waqt li dwar ohrajn ma kienx ghamel spezzjoni ghax qal li kien jaf il-binjiet. Dik il-persuna stqarret illi l-inkariku taghha ma kienx li tara jekk kienux accessibli l-bini izda jekk kienux konformi mal-linji gwida li tal-KNPD. Future Focus mill-ewwel oggezzjonat u sostniet li l-kwistjoni kollha kienet dwar l-accessibilita` tal-bini, mhux il-linji

gwida tal-KNPD. L-evalwazzjoni tal-espert inkarikat mill-kumitat aggudikattiv tal-MCAST ma hax bhala kriterju l-istat tal-binja izda fittex li jkun jaf jekk l-offerenti kellhomx ftehim mal-KNPD dwar il-linji gwida. Inoltre fil-kaz ta` l-offerenti Computer Domain, lanqas saret spezzjoni tal-fond taghha, billi kellha diga` fis-sehh ftehim ta` xogholijiet li kellu jwettaq fi zmien li kien miftiehem mal-KNPD. Filwaqt li fil-kaz ta` l-offerent Saint Martin`s Institute fl-istadju ta` l-appell, lahaq ftehim fuq xogholijiet li kellu jaghmel sabiex isir accessibbli skond il-linji gwidi tal-KNPD. In segwitu, il-binja ta` Saint Martin`s Institute kienet demolita minkejja l-ftehim mal-KNPD biex isiru xogholijiet ta` ristruttrar semplici.

Id-diretturi ta` Future Focus qalu li l-Bord ta` l-Appell pprova jsib soluzzjoni billi rrakkomanda li jirrenja s-sens komun. Ghalhekk intalab li t-*Test of Reasonableness Board* (TORB) jara l-kaz. Bil-preciz il-Bord ta` l-Appelli qal hekk – *`The PCAB feels that as regards the objection made by Future Focus Limited there still exists the likelihood that the assessment has not been adequately conducted. The PCAB is not convinced that the rigid stand taken by Architect Spiteri reflects the reasonable stand adopted by the KNPD`s Reasonableness Board especially when one considerss that the appellant company Future Focus Limited has still not been examined by the Reasonableness Board. `*

John Galea fisser illi huma pprotestaw fil-pront meta saru jafu li TORB ma kienx bord indipendenti izda bord tal-KNPD. Meta dehru quddiem TORB, kien hemm prezenti l-istess Perit Spiteri li kien mahtur mill-KNPD biex jirredigi l-ewwel rapport. Kien prezenti wkoll ic-Chairman tal-KNPD Joseph Camilleri. Ii TORB mexa wkoll fuq il-linji gwida tal-KNPD. Quddiem TORB, Future Focus ipprezentat rapport tekniku taghha fejn uriet li l-postijiet li offriet hi kienu accessibbli ghal kulhadd u li kien hemm biss diskrepanzi minimi mal-linji gwida tal-KNPD. Rosanne Galea tghid illi fil-konkluzzjoni tieghu, TORB ikkritika lil Future Focus ghaliex ma marritx qabel ghand il-

KNPD : *`If Future Focus Limited can arrive at an agreement on the same level, that is agree to the signing of an Equal Opportunities Agreement with KNPD which would include the submission of detailed technical drawings indicating clearly how they intend to conform to Access for All guidelines, then the matter will no longer remain one of reasonableness but one of time frames.`* Ghad-diretturi, dik il-konkluzzjoni kienet indikattiva illi l-iskop tat-TORB la kienu l-ispecifikazzjonijiet tat-tender u lanqas l-ispirtu tal-Bord tal-Appell.

Komplew jispjegaw illi talbu li ssir seduta quddiem il-Bord ta` l-Appelli sabiex il-konkluzzjonijiet ta` TORB jigu diskussi izda din it-talba ma gietx accettata. Gara li l-MCAST fethet it-tielet envelope u aggudikat it-tender liz-zewg offerenti. Future Focus garrbet spiza ta` €21,028.00, li hallset bhala depozitu ghall-appell. Quddiem il-Bord tal-Appelli, wiehed mill-aggravji taghhom kien milqugh u cioe` li r-rapport dwar accessibilita` tal-espert kien jmur kontra dak li stabbilit fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza *Michele Peresso Limited vs KNPD*. Sostnew li mandat ta` inibizzjoni li Future Focus ipprezentat kien michuda abbazi tal-principju tal-akbar pregudizzju. Id-danni taghha kienu jikkonsistu fil-qligh li ntilef mill-progett ghaliex minflok ix-xoghol inqasam bejn tliet offerenti, inqasam bejn tnejn, bi Future Focus tigi eskluza.

Kienu prezentati ritratti tas-sit ta` St Martin`s Institute of Information Technology, West Building, Mountbatten Street, Hamrun. Mir-ritratti johrog illi St. Martin`s ma kellhiex bini accessibbli meta rebhet it-tender. Waqt ix-xoghol ta` kostruzzjoni li sar fis-sit, it-taghlim ta` l-istudenti sar fil-bini maghruf bhala East Building li l-istess St Martin`s Institute of Information Technology kienu ddikjaraw li ma huwiex accessibbli. Ftit tax-xhur wara, il-binja telghet u bdiet takkomoda studenti tal-MCAST ghalkemm kienet ghadha ma tlestietx. Ikkonfermat illi l-KNPD kienet lest li tilhaq ftehim ma` Future Focus, simili ghal dak li kien sar ma` St. Martin`s.

Fl-affidavit tieghu, il-**Perit Edgar Caruana Montaldo** xehed illi huwa kien jaf tajjeb il-bini li Future Focus kellha fis-sit 8, Triq l-Imhazen, Floriana. Dak il-fond kien accessibbli ghal kull sular permezz ta` teknologija moderna li tissejjah *chair climber*. Kien hemm spazju fit-tieni sular li seta` jintuza bhala *toilet* anke minn persuni bi bzonnijiet specjali. Ghar-rigward tad-dizlivell zghir li kien hemm quddiem il-bieb ta` barra, il-kumpannija attrici poggiet rampa temporanja li hija konformi mar-regolamenti ta` l-UE b`mod illi 8, Triq l-Imhazen kien accessibli ghal kulhadd. Xehed ukoll li Future Focus kienet fil-process biex tipprova takkwista proprjeta` ma` genb il-fond 8, Triq l-Imhazen, Floriana, bl-iskop li jsir lift halli l-blokka kollha tkun accessibbli minn dak il-lift. Ippreciza li ma setax isir lift fil-fond 8 ghaliex l-pjan terren kien zghir u ma kienx hemm spazju fejn isir lift.

**George Attard** xehed illi huwa kien ghalliem mal-kumpannija attrici. Huwa kien persuna b`dizabilita` u kien registrat mal-KNPD bit-tessera Nru 1569. Ikkonferma li l-post ta` Future Focus kien accessibbli ghalih u ghal haddiehor inkluzi persuni ohra b`dizabilita` li kien hemm jithargu fl-iskola. Ma kien hemm l-ebda diffikolta` biex taccedi ghall-ambjenti kollha ta` 8, Triq l-Imhazen, Floriana, billi fis-sit tqieghed *stair climber* li jtella` persuni fuq siggu tar-roti sa fuq il-bejt. Kull meta kellu bzonn dak il-makkinarju kien disponibbli ghalih.

**Il-Perit Hector Zammit** xehed illi kien ilu ghaxar snin involut u specjalizzat fil-qasam ta` l-accessibilita` ghal persuni b`dizabilita`. Fil-fatt kien wiehed mill-awturi tad-dokument *Access for All Guidelines* (2000) mahrug mill-KNPD li kien rivedut fl-2006. Id-dokument kif rivedut kien intiz biex iservi bhala linji gwida dwar accessibilita` ahjar f` bini ezistenti u futuri. Huwa hadem bhala konsulent tal-KNPD, ta` azjendi pubblici u privati. Fl-2009, Future Focus inkarikatu bhala konsulent biex jispezzjona u jhejji rapport dwar il-livell ta` accessibilita` fi tliet binijiet li kellha l-kumpanija, kif ukoll sabiex jirrakomanda liema xogholijiet

kienu jinhtiegu sabiex dawk il-postijiet jigu konformi mal-linji gwida tal-KNPD. Huwa acceda fuq it-tlett postijiet u hejja rapport li pprezenta u kkonferma bil-gurament il-kontenut tieghu.  Huwa attenda ghal laqgha tat-TORB li huwa presjedut mic-*chairman* tal-KNPD.  Kienu prezenti numru ta` persuni nominati mill-KNPD sabiex jevalwaw l-accessibilita` tat-tlett postjiet.

Il-Perit Zammit ikkonferma li l-iskop ta` TORB huwa sabiex fil-qafas tal-linji gwidi tal-KNPD jilhaq arrangamenti, jikkonsidra proposti alternattivi, u jaghti ezenzjonijiet minn xogholijiet, kif ukoll jilhaq ftehim fejn applikant jinghata l-possibilita` li jezegwixxi x-xogholijiet f` terminu miftiehem u skond garanziji finanzjarji. Fil-laqgha, huwa tkellem dwar il-konkluzzjonijiet tar-rapport tieghu, b` mod partikolari kif fil-proprjeta` tal-Floriana setghu jsiru fi zmien ragonevoli xogholijiet li jaghmlu l-proprjeta` aktar accessibbli, filwaqt li l-propjeta` ta` Tas-Sliema kienet diga` accessibbli u setghet tilqa` studenti li kienu *wheelchair bound*.  Il-Bord ma kienx propens illi jaghti koncessjoni taz-zmien ghal kaz tal-Floriana u tal-Mellieha filwaqt li fil-kaz ta` tas-Sliema irrifjutaha fuq bazi ta` klawzola 2.9.13 tal-*Guidelines (*2006). Dik il-klawzola kienet irrevediet il-klawzola 7.7.2 tal-*Guidelines* (2000) b`zieda maghha li rrendiet inapplikabbli l-istess klawzola. Future Focus riedet tasal ghal ftehim mal-KNPD izda qatt ma nghatat l-opportunita`.

**<u>Francis Attard</u>** Direttur Generali tal-Kuntratti xehed li fit-12 ta` Mejju 2009, id-Dipartiment tal-Kuntratti hareg sejha ghall-offerti ghal *Provision of ICT Training Programmes on behalf of MCAST.*  Iz-zmien biex jidhlu l-offerti kien jaghlaq fis-26 ta` Gunju 2009. Qabel gheluq iz-zmien, hargu zewg kjarifiki li jaghmlu parti integrali mit-*tender document*. Is-sejha ghall-offerti kienet dik tat-tliet pakketti u cioe` li fl-ewwel pakkett ikun hemm il-*bid bond*, fit-tieni pakkett ikun hemm l-offerta teknika u fit-tielet pakkett ikun hemm l-offerta finanzjarja. L-evalwazzjoni ta` kull pakkett issir f`zewg stadji ; fl-ewwel stadju, il-kumitat ta` evalwazzjoni jara jekk amministrattivament il-pakkett

jikkwalifikax. Is-socjeta` attrici kienet waslet sat-tieni pakkett. Is-socjeta attrici ma kenitx ikkwalifikat u wara sar ghamlet appell quddiem il-*Public Contracts Appeals Board.* Ix-xhud insista li meta d-Direttur tal-Kuntratti jigi rinfaccjat b`decizjoni tal-Bord ta` l-Appell ma ghandu l-ebda rimedju hlief li jobdi dik id-decizjoni. Fid-decizjoni tal-Bord inghad illi *KNPD Reasonableness Board has to re-examine – following the Methodology referred to in the PCAB conclusion number 5 above - all the premises included in the appellant Company`s Original Submission.* Dak li ordnat l-Bord tal-Appelli twettaq pero` s-socjeta` attrici rega` ma kkwalifikatx. Fil-5 ta` Ottubru 2009, huwa baghat email b`kopja tar-rapport ta` TORB u talab lill-Bord ta` l-Appelli sabiex ighid jekk riedx jiehu xi decizjoni ulterjuri. It-twegiba (bla data) tal-Bord kienet illi rrefera ghad-decizjoni tieghu ta` qabel u sostna li ma kellux aktar xi jzid.

Id-Direttur Generali spjega illi d-dokument tas-sejha thejja mill-MCAST. Kjarifika li saret wara li harget is-sejha ghall-offerti kienet dwar it-tifsira ta` `accessibilita`. Fid-dokument originali ma kien hemm l-ebda kondizzjoni partikolari li l-*premises* bilfors kellhom ikunu accessibbli ghall-persuni b`dizabilita`. Bil-kjarifika, saret mandatorja li l-*premises* kellhom ikunu accessibbli ghal persuni b`dizabilita`. Il-kjarifika kienet tispecifika wkoll kif il-Kumitat ta` Evalwazzjoni kellu jaccerta ruhu li l-*premises* ikunu accessibbli. Il-kjarifika u t-*tender* kienu jaghmlu referenza ghal accessibilita`. Il-kliem *Access for all Guidelines* tal-KNPD ma kien jissemma imkien : la fit-*tender* u lanqas fil-kjarfika.

Ix-xhud qal li l-offerenti kienu : *CC Training Limited, Key Training Services Limited, St Martin`s Education Services Limited, Computer Domain Limited* u s-socjeta` attrici. Il-Kumitat Aggudikattiv kien iffurmat minn Charlotte Attard bhala *chairperson*, Mario Attard bhala segretarju, Dennis Attard, Raymond Azzopardi u Oscar Borg bhala *technical evaluators.* Il-persuni matura fil-Bord ma jiehdux gurament u ma jistghux jiddelegaw ir-responsabilitajiet

taghhom. Il-Perit Joseph Spiteri ma kienx mahtur la mid-Dipartiment tal-Kuntratti u lanqas mill-Borg Aggudikattiv. L-offerenti li gew skwalifikati wara li nfetah it-tieni *envelope* kienu *CC Training Limited, Key Services Limited, St Martin`s Education Services Limited* u s-socjeta` attrici. Kienu *St Martin`s Education Services Limited* u s-socjeta` attrici li appellaw quddiem il-Bord ta` l-Appelli. Dan il-Bord mhuwiex tad-Dipartiment tal-Kuntratti izda huwa bord indipendenti u awtonomu mid-Dipartiment. Fit-28 ta` Settembru 2009, il-Bord tal-Appelli talab lit-TORB tal-KNPD biex jerga` jezamina il-*premises* offruti minn Future Focus. Il-konkluzjoni kienet illi l-*premises* ta` Future Focus ma kienux accessibbli skond il-*Guidelines* tal-KNPD.

Ix-xhud kompla jghid illi ntghazlu zewg *service providers* ghal dik it-*tender* : *Computer Domain Limited* u *St Martin`s Education Services Limited.* L-appell ta` *St Martin`s Education Services Limited* kien gie milqugh. Is-socjeta` attrici kienet forniet l-istess servizz fuq sejha ohra ghall-offerti li kien hareg id- Dipartiment tal-Kuntratti s-sena ta` qabel fl-istess *premises* offrut fis-sejha ghall-offerti in kwistjoni. It-tqassim ta` l-istudenti ma kienx kompitu tad-Dipartiment tal-Kuntratti. Il-prezz kien ta` €2,185, minbarra l-VAT, ghal kull student ghal kull sena. Ix-xhud innega li xi hadd mid-Dipartiment tal-Kuntratti ta struzzjonijiet lill-Kumitat Aggudikattiv sabiex jiggudikaw abbazi tal-G*uidelines* tal-KNPD. Fil-fatt lanqas kien hemm direzzjoni biex il-Kumitat jaggudikaw skond il-G*uidelines* tal-KNPD. Ir-responsabilita` ghall-immaniggjar tal-kuntratti kienet tal-*Contracting Authority*, u cioe` l-MCAST.

<u>**Joseph Camilleri,**</u> Chairman tal-KNPD xehed illi l-Kummissjoni ghandha *Test of Reasonableness Board* maghruf bhala TORB li kien inholoq mill-KNPD bhala parti mil-Ligi dwar l-Opportunitajiet Indaqs. Kull decizjoni ghandha tkun sottomessa ghal *reasonableness.* Il-bord sar sabiex ma tkunx persuna wahda li tiddeciedi. Ir-regoli tat-TORB mhumiex parti minn xi ligijiet jew minn xi *legal*

*notice*, izda huma parti mill-intern tal-KNPD. Il-membri ta` TORB jinhatru mill-KNPD *on a fixed period basis.*

Ghar-rigward ta` dan it-tender partikolari, ic-Chairman xehed illi l-MCAST talbet lil KNPD biex tezamina t-*tender* mill-*punto di vista* ta` *access for all.* KNPD kienet mitluba tara l-iskejjel li kienu tefghu l-offerta. Billi kienet tender b`fondi tal-UE, kellu jkun assikurat li kien hemm accessibilita` ghal kulhadd. Billi kien fatt maghruf illi bosta mill-iskejjel kienu ilhom jahdmu, u allura kien ser ikun hemm problemi ta` access, KNPD holqot *Guidelines* anqas stretti. Kien inkarikat il-Perit Joseph Spiteri sabiex jaghti parir dwar accessibilita`.

Kompla jispjega li xi drabi meta persuni japplikaw biex ikollhom il-permess biex jahdmu, dak li tipprova taghmel l-KNPD huwa li tipprova tasal ghal ftehim maghhom dwar twettieq ta` xogholijiet *within a reasonable time frame* u jintalbu garanzija bankarja li tkun generalment tammonta ghal 25% ta` l-ispiza relatata mad-dizabilta` biss. Jekk persuna tidhol ghal ftehim ta` dak it-tip u jkun jidher li tista` tasal, jsir ftehim fejn jinghad li l-post jista` jkun accessibbli sa data prefissa. Fil-frattemp, jigu accettati l-arrangamenti ezistenti sakemm jispiccaw ix-xogholijiet miftehma.

Fil-kaz ta` *Computer Domain* lahqu l-kriterji u ghalhekk kienu accettati bhala accessibbli minghajr htiega ta` ftehim. Fil-kaz ta` *St Martin`s Institute* sar ftehim mal-KNPD biex sa zmien definit isiru xogholijiet *in situ* biex jigu konformi mal-G*uidelines.* Wara li saret l-evalwazzjoni, instab li *St Martin`s Institute* ma kienx accessibbli ghal kulhadd pero ` kien l-izjed wiehed vicin wara l-*Computer Domain.* Fil-kaz tas-socjeta` attrici, mill-*audit* li sar, irrizulta li l-proprjetajiet offruti mis-socjeta` attrici ma kienux accessibbli skond il-kriterji li kienu mahluqa. Kienu spezzjonati tlett binijiet. L-MCAST kienet talbet lil KNPD biex tivverfika kienux accessibbli b`mod wiesgha, b`mod partikolari ghall-*wheelchair users*. KNPD imxiet fuq

G*uidelines* li kienu applikati ghal dak it-tender partikolari li kienu anqas stringenti.

Il-**Perit Joseph Spiteri** xehed illi huwa kien konsulent ta` KNDP. Kien involut fit-tfassil tal-*Access for All Guidelines*. Kien inkarikat jaghmel *site inspections* f`diversi mill-postijiet relatati mat-*tender* in kwistjoni. Ra tnejn mill-postijiet li offriet is-socjeta` attrici. Spezzjona 8, Magazines Street, Floriana. Staqsa lil John Galea jekk fil-post kinux saru xogholijiet wara Marzu 2009. Billi r-risposta kienet fin-negattiv, ikkonferma li rapport li kien hejja f`Marzu 2009 kien ghadu validu. Hejja rapport ghal kull binja. Spjega li meta jkunu se jsiru alterazzjonijiet f`postijiet, jigu pprezentati pjanti lill-KNPD li wara li taghmel l-accertamenti taghha, tohrog certifikat ta` idoneita` ma` htigijiet ta` accessibilita` li jista` jkun posittiv jew negattiv. Tista` tindika wkoll xogholijiet mehtiega biex post jigi konformi. Huwa personalment qatt ma ghamel certifikati jew rapporti dwar is-Solana Hotel. Huwa cahad li kien sar certifikat fejn xi hadd kien spezzjona l-post u ccertifika li kien accessibbli. Huwa bbaza l-konkluzjonijiet tieghu fuq l-*Access Design Guidelines* li huwa pubblikat mill-KNDP. Skond Spiteri, dawn il-*guidelines* huma l-unici li wiehed jista` juza biex iqis l-accessibilita`. L-inkariku tieghu kien illi jara jekk post kienx konformi mal-*guidelines* inkella le.

**Il-Professur Maurice Grech** Principal tal-MCAST xehed illi *St Martin`s* u *Computer Domain* kienu maghzula biex jipprovdu *ICT Training Programmes* ghas-sena akkademika 2008/2009. Id-dokumenti tat-*tenders* jinkitbu solitament min-numru ta` nies. Il-parti teknika tinktieb mill-*Institute* tal-MCAST koncernat.. Imbaghad kien hemm partijiet ohra konsistenti fi *standard clauses* li jiddahhlu mid-Dipartiment tal-*Purchasing and Procurement.* Il-Bord Aggudikattiv jigi propost mill-MCAST lill-Ministru. Dan imbaghad jipproponi l-membri b`mod formali lid-Dipartiment tal-Kuntratti li min-naha taghha jaccettaw jew le l-komposizzjoni tal-Bord. Ix-xhud fisser li lejn l-ahhar tas-sena akkademika 2009/2010, il-binja ta` *St Martin`s*

twaqqghet kompletament izda dawn kienu kkonfermaw illi l-ebda student ma kien ser jigi milqut negattivament. Meta bdiet is-sena akkademika 2010/2011, il-binja ta` *St. Martin`s* saret mill-gdid u giet izjed accessibbli milli kienet. *St Martin`s* kellhom ftehim mal-KNPD dwar modifikazzjonijiet li kellhom isiru fil-post u li fil-fatt saru.

**Charlotte Attard** xehdet illi kienet *chairperson* tal-bord ta` evalwazzjoni ta` tender in kwistjoni. Ir-rwol tal-bord kien li jevalwa d-dokumenti prezentati minn dawk li ghamlu l-offerta u wara jaghmel ir-rakkomdazzjoni tieghu. Il-bord ma kellux ma kellux awtorita` li jahtar konsulenti. Il-kjarifika dwar l-accessibilita` harget qabel inhatar il-bord. Skond it-*tender document* kellha ssir talba lil KNPD sabiex jaghmel verifika. Fil-*clarification one,* ma kienx hemm imsemmija l-KNPD *guidelines.* It-*tender document* kien ighid illi jekk l-KNPD jiccertifika li post huwa accessibbli, allura l-offerta tkun tajba u tkompli ghall-fazi l-ohra.

**Ikkunsidrat :**

**III. Generali**

Fil-kawza tal-lum, l-imharrkin kienu tnejn. Apparti li pprezenta eccezzjonijiet fil-mertu, kull wiehed mill-imharrkin ipprezenta eccezzjoni preliminari separata u distinta. Din il-Qorti sejra tittratta l-ewwel l-eccezzjoni preliminari tal-Kullegg Malti ta` l-Arti, Xjenza u Teknologija.

**Ikkunsidrat :**

**IV. L-ewwel eccezzjoni**
**Tal-Kullegg Malti ta` l-Arti, Xjenza u Teknologija**

L-eccezzjoni taqra hekk –

*Illi preliminarjament fil-konfront tal-esponenti r-rikors ghandu jigi michud bl-ispejjez stante illi m`humiex legittimi kontraditturi, kif johrog mir-rikors stess fejn kemm il-premessi kif ukoll it-talbiet jindikaw illi dak kollu li sehh kien taht il-kontroll jew mod iehor dirett mill-Kumitat tal-Kuntratti u kien il-Bord tal-Appelli fi hdan l-istruttura ta` kumitati pubblici li ddetermina dak li sehh fil-konfront tar-rikorrenti : dan il-Bord ma jaghmilx parti mill-istruttura tal-esponenti u bl-ebda mod ma hu dirett jew influwenzat mill-esponenti. Ghal dak li jirrigwarda l-evaluation board dan kellu biss rwol advisory u d-decizjonijiet materjali ttiehdu kif gia` ntqal minn korp ghal kollox separat u distint mill-esponenti.*

Wara li semghet il-provi, inkluzi d-dokumenti esebiti, din il-Qorti hija sodisfatta mill-fondatezza ta` din l-eccezzjoni. Ghalkemm l-MCAST kienet il-*Contracting Authority* fis-sejha ghall-offerti in kwistjoni, ma rrizultax illi l-ipprocessar u l-aggudikazzjoni tat-*tender* kien xi kompitu jew responsabilita` tal-MCAST. U huwa propju l-kondotta ta` l-process ta` aggudikazzjoni, kif migbur fl-ewwel talba attrici, li huwa l-mertu tal-istanza. U rrizulta li l-MCAST kienet estraneja ghal dak il-process ta` aggudikazzjoni. Tant hekk hu illi fir-realta`, la l-kawzali u lanqas it-talbiet tas-socjeta` attrici ma qeghdin jimputaw nuqqas da parti tal-MCAST fil-konfront taghha. *Jista` jkun* li s-socjeta` attrici nvolviet lil MCAST fil-kawza ghall-fini ta` integrita` ta` gudizzju, pero` certament dak ma kellux ikun il-kaz ghaliex fis-sitwazzjoni kif premessa u esposta mis-socjeta` attrici fl-istanza taghha, MCAST ma setghetx tkun il-legittimu kontradittur taghha.

**Ghalhekk din l-ewwel eccezzjoni qeghda tkun akkolta.**

**Ikkunsidrat :**

## IV. L-ewwel eccezzjoni tad-Direttur Generali Dipartiment tal-Kuntratti

Ghalkemm is-smigh u l-gbir tal-provi kien mifrux u kien ikopri l-kwistjonijiet kollha li wasslu ghat-talbiet attrici, u ghad-difiza tal-konvenuti kontra dawk it-talbiet, din il-Qorti hija tal-fehma illi jkun ghal kollox inutili illi tittratta l-mertu qabel ma tiddisponi mill-ewwel eccezzjoni li kienet sollevata mid-Direttur Generali Dipartiment tal-Kuntratti. L-eccezzjoni taqra hekk –

*Illi in kwantu din l-azzjoni qieghda tittanta twaqqa` decizjoni moghtija mill-Bord ta` l-Appell dwar il-Kuntratti Pubblici l-azzjoni odjerna hija fuori termine a tenur tar-Regolament 84(19) tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubblici u ghalhekk l-esponent ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.*

*Illi dan qed jinghad in vista tal-fatt li d-decizjoni inghatat mill-Bord ta` l-Appell dwar il-Kuntratti Pubblici fit-28 ta` Settembru 2009 u wara li l-kaz mar quddiem il-Board of Reasonableness is-Segretarju tal-Bord ta` l-Appelli dwar il-Kuntratti Pubblici kkomunika lis-socjeta` rikorrenti d-decizjoni finali tal-Bord. Din il-komunikazzjoni hija datata ... 5 ta` Ottubru 2009. Il-kawza odjerna giet prezentata fit-22 ta` Dicembru 2009 u cioe` kwazi tliet xhur wara li nghatat id-decizjoni u kwindi ben oltre l-ghaxart ijiem stipulati mil-ligi ;*

Mill-atti ma jirrizultax li din l-ewwel eccezzjoni qatt giet irtirata jew rinunzjata. Ghalhekk din il-Qorti hija obbligata tipprovdi dwarha.

Jekk l-eccezzjoni hija fondata, allura din il-Qorti jkollha tieqaf hemm. Jekk tirrizulta nfondata, din il-Qorti tmur ghall-mertu.

Abbazi tar-ragunijiet moghtija, il-kawzali, u l-mod u manjiera kif s-socjeta` attrici mpostat it-talbiet taghha, huwa evidenti illi l-punt tat-tluq ewlieni taghha kienet id-decizjoni tal-Bord tal-Appelli dwar il-Kuntratti Pubblici fil-konfront taghha. Fiz-zmien meta harget is-sejha ghall-offerti, mertu ta` din il-kawza, il-kuntratti pubblici kienu regolati bl-**Avviz Legali 177 tal-2005**. L-Art 84 tar-regolamenti kien jittratta l-Bord tal-Appelli dwar il-Kuntratti Pubblici. Skond l-Art 84(19) `*kull offerent li jaghmel ilment u li ma jkunx sodisfatt bid-decizjoni finali li tittiehed mill-Bord ta` l-Appell ghandu jirreferi l-kwistjoni quddiem il-Prim` Awla tal-Qorti Civili f` perijodu ta` ghaxart ijiem mid-decizjoni finali tal-Bord ta` l-Appell.`*

Jirrizulta mill-atti illi d-decizjoni tal-Bord tal-Appell tal-Kuntratti Pubblici nghatat fit-28 ta` Settembru 2009. Fid-decizjoni jinghad illi l-appell tas-socjeta` attrici kien jigi milqugh fil-kaz li t-*Test of Reasonableness Board* (TORB) jiccertifika bhala accessibbli l-binijiet taghha. Jirrizulta li l-konkluzjoni tat-TORB ittiehdet fil-5 ta` Ottubru 2009 u kienet sfavorevoli ghas-socjeta` attrici. Kwindi b`effett minn din l-ahhar data, id-decizjoni tal-Bord tal-Appell tal-Kuntratti Pubblici giet reza finali. Jirrizulta li din il-kawza kienet prezentata fit-22 ta` Dicembru 2009 u allura ben oltre t-terminu stabbilit fl-Art 84(19).

Da parti taghha, is-socjeta` attrici tissottometti illi t-*tender* in kwistjoni hareg f`Mejju 2009 u ghalaq f`Gunju 2009. Dak iz-zmien, tghid is-socjeta` attrici, ma kien hemm stipulat l-ebda terminu mil-ligi sabiex titressaq il-procedura odjerna. Infatti, skond is-socjeta` attrici, it-terminu kien introdott f`Awissu 2009. Ghaldaqstant, issostni s-socjeta` attrici, hija l-ligi vigenti fiz-zmien meta harget is-sejha li ghandha tghodd u tapplika.

Din il-fehma mhijiex kondivisa minn din il-Qorti.

Il-bdil tal-ligijiet tal-procedura ghandhom effett immedjat anke fir-rigward ta` kazi gja` ezistenti qabel id-dhul fis-sehh tal-ligi u li jkunu ghadhom pendenti mad-dhul fis-sehh tal-ligi.

L-**Art 12 tal-Kap 249** tal-Ligijiet ta` Malta jaqra hekk –

*(1) Meta xi Att mghoddi wara l-bidu fis-sehh ta` dan l-Att ihassar xi ligi ohra, kemm-il darba ma jidhirx hsieb kuntrarju, it-thassir m`ghandux –*

*(a) jerga` jgib fis-sehh xi haga li ma tkunx fis-sehh jew li ma tkunx tezisti fiz-zmien li fih isehh it-thassir ;*

*(b) jolqot it-thaddim ta` xi ligi qabel ma kienet hekk imhassra jew xi haga maghmula jew li thalliet issir taht xi ligi hekk imhassra ;*

*(c) jolqot xi dritt, privilegg jew responsabbiltà miksuba jew mehuda taht xi legislazzjoni hekk imhassra jew li gejja minn xi legislazzjoni bhal dik ;*

*(d) jolqot xi penali, konfiska jew piena li wiehed seta` jehel dwar xi reat li jkun sar kontra xi ligi hekk imhassra, jew xi responsabbiltà ghal xi penali, konfiska jew piena bhal dawk ;*

*(e) jolqot kull stharrig, procedimenti legali, jew rimedju dwar xi dritt, privilegg, obbligazzjoni, responsabbiltà, penali, konfiska, jew piena kif intqal qabel,*

*u kull stharrig, procedimenti legali, jew rimedju bhal dawk jistghu jinbdew, jitkomplew, jew jigu nforzati, u kull penali, konfiska jew piena bhal dawk jistghu jigu mposti, bhallikieku l-Att li jhassar ma jkunx ghadda.*

*2) Meta Att, sew jekk mghoddi qabel jew wara l-bidu fis-sehh ta` dan l-Att, jemenda xi Att iehor mghoddi qabel jew wara l-bidu fis-sehh ta` dan l-Att, jew xi disposizzjoni ta` xi Att iehor bhal dak, l-Att jew id-*

*disposizzjoni hekk emendati kif ukoll kull haga li saret tahthom jew bis-sahha taghhom, ghandhom, kemm-il darba ma jkunx jidher hsieb kuntrarju, jkomplu li jkollhom effett shih, u ghandhom hekk jibqghu jsehhu kif emendati, u suggetti ghat-tibdil maghmul, bl-Att li jemenda.*

*3) Ghall-finijiet tas-subartikolu (2) "emenda" tfisser u tinkludi kull emenda, modifika, tibdil, alterazzjoni, zieda jew thassir tkun liema tkun l-ghamla jew il-mod li bihom isiru u jkunu kif ikunu mfissra, u tinkludi wkoll disposizzjoni li biha Att jew disposizzjoni tieghu jkunu sostitwiti jew rimpjazzati, jew imhassra u sostitwiti jew imhassra u minflokhom issir disposizzjoni differenti.*

Huwa biss meta jsir thassir, ghal kuntrarju ta` emenda, ta` procediment legali jew rimedju illi dak li nbeda, jista` jitkompla bhallikieku l-Att li jhassar ma jkunx ghadda.  Madanakollu, kif gia` gie espost, f`kaz ta` emenda, is-sitwazzjoni hi kompletament differenti.  Din il-Qorti taghmel riferenza ghall-insenjamenti tas-sentenza '**<u>Dingli et vs Kontrollur tad-Dwana et</u>**' (PA – 25 ta` Jannar 2005 u Appell – 27 ta` Marzu 2009) u '**<u>Zamboni noe vs Direttur tal-Kuntratti et'</u>** (Appell – 31 ta` Mejju 2002) citati t-tnejn fil-kontro-replika tad-Direttur Generali Dipartiment tal-Kuntratti.  Ghalhekk fejn si tratta ta` regoli jew ligijiet procedurali, dawn jigu fis-sehh, u jitqiesu li huma applikabbli minnufih, anki ghal atti amministrattivi mwettqa qabel id-dhul fis-sehh, sakemm l-istess ligi ma tghidx mod iehor jew ma tipprovdix x`ghandu jigri fil-fazi tranzitorja,.  Fil-kaz tal-lum, l-emenda dahlet fis-sehh **<u>qabel</u>** id-decizjoni tat-TORB.  Kwindi l-Art 84(19) kien diga` fis-sehh meta kien deciz l-appell tal-kumpannija attrici mill- Bord ta` l-Appelli dwar il-Kuntratti Pubblici.

**<u>Fis-sostanza</u> dan ifisser illi *ex lege* is-socjeta` attrici ma setghetx tressaq l-istanza taghha kif kienet minnha dedotta.**

**Li allura jfisser illi l-ewwel eccezzjoni qeghda tkun akkolta u allura ma hemmx lok illi din il-Qorti tqis il-meritu tal-istanza attrici.**

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza hekk –**

**Tilqa` l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenut Direttur Generali Dipartiment tal-Kuntratti.**

**Tilqa` l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenut Kullegg Malti ta` l-Arti, Xjenza u Teknologija.**

**Tillibera lill-konvenuti mill-osservanza tal-gudizzju.**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet l-ohra taz-zewg konvenuti.**

**Tichad it-talbiet kollha attrici.**

**Tordna lill-kumpannija attrici sabiex thallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------